# L-AKKADEMJA TAL-MALTI

## BIDLA FIL-KUMITAT 2019-2021

Kif ġie avżat fiċ-ċirkulari ta' Jannar 2021, Dr Olvin Vella nħatar bħala President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u ppreżenta ittra bir-riżenja tiegħu mill-Kumitat tal-Akkademja fil-11 ta' Diċembru 2020.

Billi fl-aħħar Laqgħa Ġenerali ma saritx votazzjoni, il-Kunsill mexa kif jitlob Kap. 6.12 tal-istatut fejn jgħid: "fil-każ li jkun hemm postijiet oħra battala fil-Kunsill, dawn jimtlew minn dawk il-persuni li jkunu ġabu l-aktar voti fl-elezzjoni ta' qabel; fin-nuqqas ta' dan, il-Kunsill jgħarraf lill-membri bil-vakanza fil-Kunsill, jitlob lill-membri interessati jressqu isimhom u wara jaħtar minn fosthom membru jew membri u jinforma lill-membri bil-ħatra l-ġdida sa xahar wara".

Sad-data tal-għeluq (31 ta' Jannar 2021) il-Kunsill irċieva żewġ applikazzjonijiet biex jimtela l-post battal u minnhom intgħażlet is-Sa Claire Zerafa.

Is-Sa Zerafa diġà kienet ħadmet f'Kunsill preċedenti tal-Akkademja matul is-snin 2007-2009 u 2015-2017 u fil-preżent hi wkoll il-kuratriċi tas-sit elettroniku tal-Akkademja.

F'din iċ-ċirkulari ...

JISSOKTAW IT-TAĦDITIET ONLINE

IT-TAĦDITIET LI JMISS

ĊIRKULARIJIET MILL-EWC

IT-TIENI SETT TA' INTERVISTI MAL-AWTURI U POETI TAS-SNIN SITTIN

PUBBLIKAZZJONI ĠDIDA MA' HERITAGE MALTA

*IL-MALTI:* IL-ĦARĠA SPEĊJALI TAL-100

IL-BADGE BL-EMBLEMA TAL-AKKADEMJA

IL-ĦARĠA LI JMISS TA' *IL-MALTI*

## JISSOKTAW IT-TAĦDITIET ONLINE

Minkejja ċ-ċirkustanzi tal-pandemija tal-Covid-19, l-Akkademja ssoktat torganizza aktar taħditiet u fix-xhur li għaddew diġà saru tnejn: fis-16 ta' Frar 2019 saret intervista lill-poetessa Simone Galea dwar l-għażla ta' poeżiji mill-ktieb tagħha *Xi drabi mqar persuna* li jinsabu fis-sillabu tal-Matrikola tal-Malti. Il-mistoqsijiet saru minn David Aloisio u l-intervista saret mill-pjattaforma Zoom u ospita Dr George Farrugia.







It-tieni taħdita saret b'tifkira tal-Prof. Oliver Friggieri f'xahar twelidu, fil-15 ta' Marzu 2021, bis-sehem ta' Rev. Charlò Camilleri u Dr Immanuel Mifsud dwar l-oratorio *Pawlu ta' Malta*. Il-kelliema taw perspettivi u temi differenti fuq l-istess xogħol letterarju.

Fl-awtobijografija tiegħu *Fjuri li ma jinxfux* Oliver Friggieri kien fisser dan l-oratorio bħala "esperjenza speċjali ma tistax titfisser bil-kliem".

Dawn iż-żewġ taħditiet illum huma wkoll aċċessibbli mill-istazzjon tal-Akkademja fuq YouTube minn din il-ħolqa: https://www.youtube.com/results?search_query=akkademja+tal-malti

---

## ĊIRKULARIJIET MILL-EWC

Bħala msieħba fil-European Writers' Council, l-Akkademja kontinwament tirċievi ċirkularijiet li jkunu jolqtu lill-awturi madwar l-Ewropa – fost oħrajn fuq id-drittijiet tagħhom fejn tidħol il-copyright u l-libertà tal-espressjoni kif ukoll seminars, taħditiet u konkorsi.

Fejn ikun hemm tagħrif li jista' jinteressa lill-membri tal-Akkademja qed ngħadduhulkom permezz ta' email.

## TAĦDITA F'ĠIEĦ IS-SA MARLENE MIFSUD CHIRCOP




Is-Sa Marlene Mifsud Chircop ħallietna fis-26 ta' Awwissu 2020. Marlene ħadmet mal-folklorista Ġużè Cassar Pullicino u mal-mibki imma qatt minsi żewġha, il-folklorista antropoloġiku Dr Ġorġ Mifsud Chircop u kompliet bir-riċerka fin-narrattiva popolari, fl-irrakkuntar u fl-għana Malti, b'mod speċjali l-element kulturali u soċjali fl-għana tal-fatt.

Sal-aħħar snin ta' ħajjitha, Marlene ħadmet fuq l-aġġornament tal-kitbiet ta' żewġha u kompliet l-istudji tagħha tal-ballati folkloristiċi u t-traduzzjonijiet orali fil-kultura Maltija. Hija mhux biss ikkontribwiet fis-sensiela dwar It-Traduzzjoni Orali organizzata mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, imma wkoll ħadet ħsieb it-tħejjija professjonali ta' riċerkaturi żgħażagħ biex dan il-qasam ikompli jiżviluppa.

Għal din it-taħdita se tospitana Rita Saliba minn din il-ħolqa:

https://us04web.zoom.us/j/74344606875?pwd=MW1PRHdEMGlxNjBPbVY0bE9GbGxIUT09

Meeting ID: 743 4460 6875

Passcode: 0hqWUS

## TAĦDITA F'GĦELUQ IL-50 SENA MILL-MEWT TA' MONS. PIETRU PAWL SAYDON



Għalkemm Mons. Pietru Pawl Saydon jibqa' magħruf għat-traduzzjoni tiegħu tal-Bibbja, f'din it-taħdita se nagħtu ħarsa aktar mill-qrib lejh bħala kontributur ewlieni fil-letteratura Maltija.

Il-kelliema se jkunu Rev. Dr Paul Sciberras u Carmel Bezzina, it-tnejn esperti fl-oqsma tat-traduzzjoni u b'mod partikulari fuq Saydon. It-taħdita se tkun online nhar il-Ħamis, 13 ta' Mejju 2021, fis-6.30pm.

## IT-TIENI SETT TA’ INTERVISTI MAL-AWTURI U POETI TAS-SNIN SITTIN



Dan huwa proġett bi sħab bejn id-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta’ Malta u l-Akkademja tal-Malti li permezz ta’ intervisti awdjoviżivi nsiru nafu lill-awturi tas-snin sittin aktar mill-qrib. Sa issa ġew intervistati Rena Balzan, Paul P. Borg, Oreste Calleja, Victor Fenech, Oliver Friggieri, Maria Grech Ganado, Ġorġ Peresso, Lilian Sciberras, Philip Sciberras u Trevor Żahra.

It-tieni sett se jinkludi lil Ġorġ Borg, Lina Brockdorff, Charles Casha, Carmel G. Cauchi, Charles Coleiro, Charles Flores, Joe Friggieri, Albert Marshall, Daniel Massa Marlene Saliba.

Tista’ tarahom minn hawn:
https://malti.mt/oqsma_cat/kittieba-maltin/

## PUBBLIKAZZJONI ĠDIDA MA’ HERITAGE MALTA

Storja tal-Ilsien Malti – Kronoloġija Selettiva miġbura minn Dr Mario Cassar hi l-pubblikazzjoni bi sħab bejn Heritage Malta u l-Akkademja tal-Malti.

Dehret l-ewwel darba b’dan it-titlu bħala pubblikazzjoni tal-Għaqda tal-Malti (Università) fl-2002.

Dr Cassar kompla jiġbor it-tagħrif u din il-pubblikazzjoni se tkun kompendju komprensiv marbut mal-ġrajja tal-ilsien u l-letteratura Maltija – ġabra ta’ avvenimenti, pubblikazzjonijiet u noti bijografiċi elenkati f’ordni kronoloġiku – sinteżi telegrafiku li joffri għajnuna kbira lir-riċerkaturi. B’din il-pubblikazzjoni se nkunu qed niċċelebraw iċ-ċentinarju meta l-Kummissjoni tal-1920 ippreżentat l-alfabett quddiem laqgħa ġenerali fit-18 ta’ Diċembru 1921 u l-ħatra tal-ewwel Kunsill fis-7 ta’ Mejju 1922.






## BADGE BL-EMBLEMA TAL-AKKADEMJA

Bħala parti mit-tifkira taċ-ċentinarju mit-twaqqif tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, l-Akkademja ordnat ammont ta’ badges bl-emblema tal-Akkademja u dawn se jingħataw bla ħlas lil kull min jordna l-badge, billi jibgħat messaġġ fl-indirizz uffiċjali: info@akkademjatalmalti.org.

Id-daqs huwa: għoli 17mm x wisa’ 16 mm

## *IL-MALTI*: IL-ĦARĠA SPEĊJALI TAL-100

Jiddispjaċina ninfurmawkom li l-ħarġa speċjali ta' *Il-Malti* bit-tema tal-100 (għaċ-ċentinarju tal-Akkademja) mhix se toħroġ minħabba li ma kienx hemm biżżejjed sottomissjonijiet għaliha. Ħadna ħsieb ngħarrfu b'dan lill-kontributuri individwalment.




## IL-ĦARĠA LI JMISS TA' *IL-MALTI*

Il-ħarġa akkademika ta' *Il-Malti* XCII (2019) – editur Dr George Farrugia – se tkun dedikata lis-Sa Marlene Mifsud Chircop. Fost il-kontributuri nsibu lil David Agius Muscat, Prof. Charles Briffa, Mons. Lawrenz Cachia, Charles Casha, Dr Mario Cassar, Rev. Charlò Camilleri, Prof. Stanley Fiorini, Sergio Grech, Dr Adrian Grima, Ivan Said, Emanuel Tanti, Paul Zahra u Trevor Żahra.

---

L-Akkademja tal-Malti
Dar Doreen Micallef
12, Flat 1, Triq Sant'Andrija
Il-Belt Valletta
VLT 1341
info@akkademjatalmalti.org
www.akkademjatalmalti.org